MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2004

Numru 523/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur David Saliba**
**Spettur Robert Gregory**
**V**

**ANTHONY FENECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY FENECH** ta' hamsin sena bin Saviour u Carmela nee Gatt, imwieled Sliema nhar l-wiehed u tletin ta' Lulju 1952 u li joqghod Flat 24, Block VI, Bieb C, Vjal in-Naspli, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita` numru 609752M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'San Gwann, nhar is-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija, bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Charmel Pace f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterjuri u ta bidu ghal esekuzzjoni ta' dan d-delitt billi spara tir ta' arma tan-nar u cioe revolver fid-direzzjoni ta' parrtijiet vitali fuq il-persuna ta' Charmel Pace u kkagunalu

ferit ta' natura gravi skond kif iccertifikat Doctor Glorianne Briffa mill-isptar San Luqa, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, spara arma tan-nar, arma regolari u cioe revolver f'post abitat w inqas minn hamsin metru minn triq minn mnejn jghaddu vetturi bil-mutur.

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, zamm jew kellu fil-pussess tieghu arma regolari kif wkoll munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Talli jinsab recidiv b'sentenza tal-Qorti liema sentenza hija definittiva u li ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat d-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghaxra ta' Jannar 2003 a fol 196 tal-atti odjerni.
Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti tas-sitta ta' Frar 2003 a fol 205 tal-atti.

Semghet ix-xhieda prodotta mil-Prosekuzzjoni, kif wkoll dawk prodotta mid-Difiza.

Rat il-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi esibit fl-atti a fol 73 u d-dokumenti kollha esibiti mid-Difiza w ir-relazzjoni addizzjonali tal-espert Brigadier Maurice Calleja.

Ikkunsidrat:

Illi nhar **l-ghaxra ta' Lulju 2002 xehed l-Ispettur Robert Gregory** kif jirrizulta a fol 55 et seq tal-atti fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, huwa kien qieghed d-dar meta ghall-habta tad-disgha ta' bil-lejl ircieva telefonata mill-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fejn gie nfurmat li f'San Gwann, kien hemm sparatura fuq il-persuna ta' Charmel Pace. Huwa mar fuq il-post sabiex jibda l-

istharrig tieghu u fuq il-post sab lil ex Spettur tas-CID David Saliba li qallu li s-suspettat kien diga f'idejn il-Pulizija li rrizulta li kien l-imputat odjern. Huwa gie ndikat r-residenza tal-imputat bhala l-post fejn sehh l-incident u ghalhekk tela' erbgha sulari proprju sabiex wasal quddiem il-fond Block 6, Vjal in-Naspli, San Gwann. Fil-bieb principali osserva toqba bi *splinter* hiereg 'l barra lejn il-komun u gie nfurmat li x'aktarx minn din it-toqba ghaddiet il-*bullet* tal-isparatura li laqtet lil Charmel Pace. Innota wkoll li fuq il-bieb ta' barra, fuq in-naha tal-komun kien hemm *footprint* apparti marki tas-swaba u fil-fatt gibed l-attenzjoni tal-membri tas-Scene of the Crime biex jiehdu ritratti taghhom. Huwa mbaghad mar l-isptar generali sabiex jinvista lil Charmel Pace ghaliex skond informazzjoni li kellu, sa dak l-hin Charmel Pace kien qieghed fil-perikolu li jitlef hajtu. Meta wasal hdejh fis-sala MS 2, flimkien mas-Supretendent Bartolomeo Mula u l-es Spettur David Saliba, dan Charmel Pace beda jidghi u jitkellem hazin filwaqt li kellu d-*drip* u zaqqu nfaxxata. Qam mis-sodda u laqtu u dak l-hin l-Ufficjali tal-Pulizija hargu lkoll 'l barra. Dan ix-xhud kompla jghid li l-imputat kellu riha ta' xorb alkoholiku. L-Ispettur Robert Gregory irrakkonta wkoll dak kollu li l-imputat qallu l-ghada tal-incident waqt li kien arrestat. Spjiega li huwa kien hdejn certu gar tieghu Fonzu, li kien qed jahseb il-karozza tieghu meta f'xi hin ghadda Charmel Pace, sejjahlu u qallu "*Isma, kellek tirrangali t-tank, ma gejtx*" waqt li tah daqqa fuq l-istonku. Wara, Charmel Pace mar quddiem d-dar tal-imputat. L-imputat mar lura d-dar tieghu u sajjar xi ghagin. Waqt li l-ghagin kien fuq in-nar, huwa qaghad fil-gallarija u Charmel Pace li kien fit-triq, reggha beda jghajjru u beda jistiednu ghal glied u jghidlu biex jinzel u l-imputat wiegbu "*Ghax ma titlax int!*" Charmel Pace irrispondih li kien ser jitla 'l fuq, dahal, tela' erbgha sulari, u f'dak l-hin l-imputat fetah il-bieb u tefa' borma mishun minn fuq ghal isfel. Dahal gewwa daru u minnufih semgha lil Charmel Pace jhabbat mal-bieb u dan jafu *di scientia propria* ghax rah mill-*key hole*. Wara mar fil-kamra tas-sodda tieghu, gab revolver, billi zamm idejh ma gemb zaqqu paralel mal-istonku tieghu u spara.

**Moira Pace** li tigi oht il-vittma**, dakinhar qalet lil Ispettur Robert Gregory** li kien l-imputat li beda jipprovka l-incident billi qal lil Charmel Pace "*Itla fuq ha nitkellmu, ha naraw kemm int ragel.*" Hija effettivament nizlet isfel fejn kien hemm huha biex tikkalmah izda appena waslet kwazi fuq quddiem il-bieb tal-imputat, semghet il-bieb principali jinfetah u f'daqqa wahda rat lil imputat jgara borma mishun li laqtet lil Charmel Pace li kien qabilha. Charmel Pace imbaghad beda jhabbat mal-bieb tal-imutat u wara xi hin dahal ghandha u qalilha li kien gie milqut. Waqt li hija cemplet l-ambulanza fil-gallarija rat lil imputat jghid lil Pulizija "*Ejjew hawn fuq.*" L-Ispettur Robert Gregory ikkonferma wkoll ma Alphonse Grima li verament Charmel Pace mar jkellem lil imputat waqt li kien hdejh u l-imputat wiegbu "*Ghalfejn qed tghamillu hekk !*"

Illi nhar **l-ghaxra ta' Lulju 2002 xehed l-allura Ispetur David Saliba** kif jirrizulta a fol 81 et seq tal-atti fejn qal li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, huwa kien *duty officer* s-CID meta gie nfurmat li f'San Gwann sehhet sparatura. Huwa mar fuq il-post indikat lilu u sab lil Charmel Pace miexi lejn l-ambulanza. Huwa minnufih innota li fil-bieb principali tar-residenza tal-imputat kien hemm toqba li fil-fehma tieghu saret minn gewwa ghal barra. Huwa gie nfurmat li sid dan il-post l-imputat odjern, kien spara minn gewwa u laqat lil Charmel Pace. Huwa gie konsenjat revolver *b'one spent cartridge u life amunition*. Sab lil imputat kommoss u talbu jispjegalu x'kien gara effettivament. Huwa spjega l-incident kif gie rakkuntat mill-Ispettur Robert Gregory izda zied jghid wkoll li l-imputat kien bezghan hafna w apparti li pprova jsakkar il-bieb minn gewwa anke pogga sellum biex jirrinforza l-bieb in kwistjoni pero din il-persuna, b'referenza ghal Charmel Pace, baqa jhabbat fuq il-bieb u hu tant kien bezgha li mar fejn is-*safe* fil-kamra tas-sodda, fethu, gab l-arma tan-nar u sussegwentement wara li ttawwal mill-*ispy hole* li hemm mal-bieb u ra lil Charmel Pace mal-bieb, gibed tir wiehed biss u spara. Illi ftit wara l-ex Spettur David Saliba ghadda l-isptar biex jara l-kundizzjoni ta' Charmel Pace. Huwa kkonferma li mar flimkien mal-Ispettur Robert Gregory u s-Supretendent Bartolomeo Mula u li appena kellmu lil Charmel Pace, dan

qalilhom "*Tghafsuhx, mhux tort tieghi*" izda wara biddel il-linwagg tieghu w irvilla ghas-Supretendent Bartolomeo Mula u ghal-Ispettur Robert Gregory. Fil-fatt kien hemm xi familjari tieghi li ntervjenew biex ma jkomplix jghati lil Ispettur Robert Gregory li 'kien qed jigi aggredit minnu dak l-hin.' Dan ix-xhud kompla jghid li kellem lil imputat f'aktar dettal aktar tard fid-Depot tal-Pulizija li kkonferma li gie aggredit minn Charmel Pace ftit qabel w ineffetti gie ezaminat minn Doctor Scerri fic-Centru tas-Sahha fil-Floriana [vide dokument DS 1 li jghid li l-imputat gie ezaminat minn Doctor Scerri li qal li kellu '*tenderness over the upper abdomen*' ghalkemm ma kienx hemm sinjali vizibbli]. L-imputat qallu a tempo vergine tal-investigazzjoni li huwa waddab borma mishun li kellu fuq in-nar ghal ispagetti fuq Charmel Pace meta rah tiela t-tarag biex jaggredih. Dan ix-xhud jghid wkoll li l-imputat kien emozjonat hafna huwa w jirrilaxxja l-istqarrija.

Illi nhar **s-sitta ta' Settembru 2002 xehed is-Supretendent Bartolomeo Mula** kif jirrizulta a fol 172 et seq tal-atti fejn ikkonferma li huwa kien akkumpanja lil Ispettur Robert Gregory l-isptar biex jara lil Charmel Pace. Fil-fatt meta mar fis-sala sab lil Charmel Pace diga qed jitkellem mal-ex Spettur David Saliba. F'xi hin Charmel Pace dagha wahda u l-ex Spettur David Saliba waqfu u qallu biex jzomm ruhu u dak l-hin qam minn fuq is-sodda, laqat lil Ispettur Robert Gregory u qallu li jekk ma jitlaqx kien ser jghamillu l-istess haga. Ghalhekk telaq minn fuq il-post biex jkompli bl-istharrig.

Is-Supretendent Barolomeo Mula kompla jitkellem mal-imputat li kien arrestat d-Depot u dan qallu li kien qed jibza minn Charmel Pace ghaliex dan kellu reputazzjoni kera u li dakinhar hu ghadda minn hdejn il-karozza tieghu kellmu brabbja kbira. Huwa sahansitra tela sa ghandu u meta l-imputat ra hekk, qabad borma li kellu fuq in-nar u tefa' l-mishun li kien hemm fiha fid-direzzjoni tieghu ghaliex haseb li kien sejjer ghalih. Imbaghad issakkar gewwa daru, pogga xi haga wara l-bieb biex jzomm il-bieb milli jinfetah. Charmel Pace beda jhabbat bil-goff u jsabbat bil-qawwa u sincerament haseb li kien ser jitfa l-

bieb gewwa. Dak il-hin huwa hares mill-*ispy hole* w iddecieda li jispara meta rah ghadu wara biebu.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Lulju 2002 xehed Alphonse Grima** kif jirrizulta a fol 104 et seq tal-atti fejn ikkonferma li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, huwa kien qed jahsel l-karozza u f'xi hin mar hdejh l-imputat. F'hin minnhom waqfet vettura tal-ghamla Pajero u x-xufier beda jitkellem mal-imputat u semgha lil imputat jghid il-kliem "*Jiddispjacini imma ma lahhaqtx*." Kien hemm xi karozzi wara din l-vettura u telqet 'l hemm. Mistoqsi x'qal is-sewwieq ix-xhud jghid li ma semghux.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Lulju 2002 xehdet Michelle Felice** kif jirrizulta a fol 106 et seq tal-atti fejn qalet li waqt li hija kienet sejra tixtri San Gwann, semghet lil imputat jghajjat ma Charmel Pace u jghidlu "*Itla jekk inti ragel ha nitkellmu jekk m'ghandekx armi*" u Charmel Pace irrispondih li kien lest li jinza gharwien biex jurih li ma kellux armi. L-incident pero ma ratux isir.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Lulju 2002 xehdet Denise Galea** kif jirrizulta a fol 108 et seq tal-atti fejn qalet li semghet lil imputat jindirizza persuna ohra u jghid "*Itla jekk m'ghandekx armi.*" Dan nonostante pero hija ma semghet xejn aktar ghax dahlet gewwa darha Block 4, Door C, Flat 21, Vjal in-Naspli, San Gwann.

Illi nhar **l-ghaxra ta' Lulju 2002 Moira Meharawn** li tigi oht il-vittma Charmel Pace, **xehdet,** kif jirrizulta a fol 100 et seq tal-atti, li hija tghix fl-istess indana faccata tal-imputat. Qalet li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, waqt li kienet d-dar, harget tittawwal mill-gallarija u rat lil huha Charmel Pace fit-triq u lil imputat jitghajjru. Hija bdiet tintervjeni biex jieqfu. Mistoqsija jekk hiex miggielda mal-imputat, ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Fil-fatt qalet li l-imputat beda jghidlu li mhux ragel u messu jitla 'l fuq. Hija ghalhekk nizlet isfel fil-pront bl-isperanza li l-istorja ma tikbirx. Hija u tiela lura lejn darha ma huha u binha, semghet il-bieb tal-imputat jinfetah u rat lil imputat jitfa borma mishun lejhom u laqqtet lil Charmel Pace li kien fuq quddiem. Huha mbaghad irvella u mar jhabbat mal-bieb

bis-sahha u beda jghidlu biex johrog. Fil-pront semghet sparatura u huha ntlaqat f'zaqqu. L-isparatura saret bil-bieb maghluq. Hija mbaghad poggiet lil huha bil-qeghda fil-kcina tistenna l-ambulanza u semghet lil imputat jghid lil Pulizija mill-gallarija "*Ejjew, hawn qeghdin.*"

Illi nhar **l-hdax ta' Lulju 2002 xehed Domnic Omar Pace** kif jirrizulta a fol 123 et seq tal-atti fejn ikkonferma li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, huwa semgha lil imputat jghajjat u jargumenta ma zijuh Charmel Pace. Huwa nizel ma ommu isfel biex jittanta jikkalma lil zijuh. Huma w telghin lura lejn darhom ra lil imputat jiftah l-bieb ta' daru u jitfa fid-direzzjoni taghhom, borma mishun li laqtet lil Charmel Pace. Zijuh irrabja u mar jhabbat mal-bieb ta' l-imputat u ftit wara semgha speci ta' bomba u zijuh mar lura mimli demm.

Illi nhar **s-sitta ta' Settembru 2002 xehed il-vittma Carmel Pace [**a fol 164 et seq tal-atti]. Huwa kkonferma li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, huwa kien mar jixtri fil-pjazza ta' fejn toqghod ohtu u staqsa lil imputat ghaliex ma kienx mar ghandu gimghatejn qabel biex jirrangalu l-ballun tal-ilma li kien wehillu meta huwa talbu dan il-pjacir. Huwa wiegbu li ma setghax u dak l-hin imbottah izda wara ftit ghajjatlu pero l-imputat ma riedtx kliem. Huwa ghalhekk mar jixrob xi zewgt iflixken jew tlieta birra f'hanut vicin u kien sejjer lura lejn l-karozza meta fil-pront semgha lil imputat jghajjru mill-gallarija u jghidlu kliem fis-sens li ma kienx lest li jahdimlu u stiednu jitla fuq purche ma kellux armi. Huwa iddecieda li kellu jitla biex jara x'kellu xi jghid. Huwa spjega li armi ma kellux u appena tela' fl-ahhar indana, l-imputat fetah il-bieb tal-appartament tighu u tefa' borma mishun fid-direzzjoni tieghu u laqtu. Huwa rrabbja hafna ghax instamat u mar jhabbatlu mal-bieb ghax hass li kien gie tradut. F'xi hin semgha hoss waqt li kien wara l-bieb tieghu, speci ta' sparatura pero ma hass xejn. Meta hares lejn zaqqu ra ferita u gie mehud l-isptar permezz ta' ambulanza. Ikkonferma wkoll li waqt li kien l-isptar inqala xi paroli mal-Pulizija pero ezattament x'intqal ma ftakarx. Mistoqsi in kontra ezami kif habbat fuq il-bieb il-vittma

wiegeb li kien ifferocjat u mahruq bil-mishun kif wkolll moralment.

Illi nhar **s-sitta ta' Settembru 2002 xehdet Doctor Mary Meilak [**fol 170 et seq tal-atti] fejn ikkonfermat li kienet hi li operat lil Charmel Pace nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002. Hija qalet li huwa kellu 3% *scoulds* f'wiccu fuq in-naha tax-xellug ta' ghonqu, fuq hugbejh, u l-id il-leminija fil-parti ta' quddiem. Kellu wkoll *gun shot wound* b'diametru ta' 1.5cm 'l fuq miz-zokra tieghu liema sparatura kkagunat perforazzjoni tas-*caecum* f'parti mill-musrana l-kbira u tali ferita hija ta' natura gravi.

Illi nhar **s-sitta ta' Settembru 2002 xehdu il-Brigadier Maurice Calleja** kif wkoll **PS 560 Joseph Farrugia** l-esperti nominati fl-inkjesta, kif jirrizulta a fol 148 et seq tal-atti fejn ikkonfermaw r-relazzjoni taghhom li hija mmarkata bhala dokument MB 1 fejn ikkonkludew li mill-arma li giet moghtija lilhom mill-Pulizija u cioe revolver No. 4097, gie sparat mill-inqas tir wiehed u dan laqat il-bieb tal-appartament minn naha ta' gewwa go Block 4, Door C, Flat 26, Vjal in-Naspli, u li x'aktarx kien dan it-tir li wara laqat lil Charmel Pace. Illi meta giet sparata l-arma din kellha l-kanna kwazi qed tmiss mal-bieb tal-appartament fuq in-naha ta' gewwa. Ir-revolver li spara dan t-tir ma jiffunzjonax tajjeb.

Illi nhar **t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2003 xehed l-imputat** minn jeddu u b'mod voluntarju [fol 209]. Huwa kkonferma li oht Charmel Pace kienet talbitu xi tlett gimghat qabel l-incident in dezamina sabiex tghin lil Charmel Pace b'xi problema li huwa kellu fit-tank tal-ilma pero huwa kien qalilha li ma kellux hin imur. Fil-jum tal-incident huwa kien qed jitkellem ma Alphonse Grima li kien qed jahsel il-karozza tieghu fil-vicinanzi tad-dar tieghu meta f'xi hin tfaccat Pajero bil-vittma go fiha li sa dak l-hin ma kienx jafu u qallu "*Ma gejtx tghamiluli t-tank.*" Huwa skuza ruhu u Charmel Pace tah daqqa ta' ponn f'sidru mit-tieqa, huwa ngibed lura ghax bezgha minnu u fil-fatt lanqas wiegbu. Charmel Pace rega' gie lura u rega' qallu li kien ragel. Huwa kien bezghan minnu ghaliex kien jaf li dan Charmel Pace kien spara lil martu, kien sawwat

lil ibnu u lil ragel barrani maghruf iz-Zina, kien farrku. Mistoqsi jekk kellmux dak l-hin huwa wiegeb fin-negattiv u qal infatti lanqas ma kien jafu. Dak l-hin Charmel Pace hezzez snienu u telaq sparat. Huwa ghalhekk mar d-dar u beda jsajjar platt ghagin. Waqt li l-mishun kien fuq in-nar huwa hareg fil-gallarija jiehu kikkra café. Meta kien fil-gallarija ra lil Charmel Pace u dan beda jghajjru u jistiednu biex jinzel sabiex jsawwtu u hu beda jghidlu li lanqas ma kien jafu. Dak l-hin dar fuq martu fuq it-*telephone* u qalilha biex iccempel lil Pulizija ghax Charmel Pace qabad mieghu. L-imputat jispjiega li dak l-hin kien bezghan u ma jafx x'kien qed jaghmel. Charmel Pace beda jghidlu biex jinzel jew li kien lest jitla ghalih u dan qalulu xi tlett darbiet. Dak l-hin qallu sabiex jekk ried setgha jitla hu. Qal li hu beda jghidlu li kien ser jpattiehilu. Telgha erbgha sulari u dak l-hin fetah il-bieb u tefa' il-borma mishun fid-direzzjoni ta' Charmel Pace ghaliex fi kliemu stess "*Ma kien hemm xejn aktar x'naghmel.*" L-imputat qal li ohtu Moira nizlet ghalih biex twaqqfu milli jitla ghalih izda dan nonostante remiha 'l hemm u baqa tiela ghalih. Qal li wara li tefa' l-borma, ghalaq il-bieb ghax bezgha minnu li jitfghu ghal isfel. Qal li Charmel Pace beda jhabbat u l-bieb beda jitghawwweg u hu beda jzomm il-bieb. Il-bieb effettivament kien diga gie mifqugh xi erbgha jew hames snin qabel minnu stess meta kien nesa c-cavetta gewwa. Qal li Charmel Pace beda jhabbat u l-bieb beda jitghawweg, hu beda jzommu. Mar igib sellum forci u ghamlu mal-bieb. Sadanitant mar fetah s-*safe*, wara li kien cempel l-*enquries* ghan-numru tal-Ghassa, cempel l-Ghassa u talab lil Pulizija jmorru ghandu. Gab arma ikkargha u spara tir minn wara l-bieb. Il-bieb fil-fatt kellu c-caccis ta' mal-hajt maqlugh u kien qed jistennih mal-art. Reggha cempel l-Ghassa. Beda jibki bil-biza li kellu. Hareg fil-gallarija u ra lil Pulizija w idiregihom fejn kien hu. Huwa ma fetahx il-bieb ta' barra fl-ebda hin sakemm gew il-Pulizija. L-imputat ghamel referenza ghar-ritratti markati bhala dokumenti GS 1, GS 2, GS 6 sa GS 7 u minn ezami taghhom jirrizulta l-istat hazin li kien fih il-bieb.

Illi nhar **t-tnejn w ghoxrin ta' Settembru 2003 id-Difiza ressqet lil Maurice Borg jixhed** [ fol 216 et seq]. Dan huwa gar tal-imputat u jghix fl-istess blokk t'appartamenti,

fl-ewwel sular. Dakinhar tal-incident huwa kien gewwa daru u semgha hafna ghajjat. Hareg mill-gallarija biex jara x'kien gara u ra lil Charmel Pace jargumenta mal-imputat. Semgha lil Charmel Pace joffendi lil imputat u jghidlu li hu barri zghir u li kien lest li jitla ghalih. Fil-fatt wara li Charmel Pace qallu dan il-kliem xi tlett darbiet, l-imputat qallu biex jitla. Charmel Pace resaq lejh u qallu biex jzommlu c-cwievet u l-mobile u meta dan [Maurice Borg] qallu li ma jridx jidhol fil-kwistjoni, Charmel Pace beda jidghi. Fetah il-qmis u tela jigri fuq b'tempra [fol 217]. Wara beda jisma hsejjes kbar, daqqiet go bieb bis-sieq, u dan nonostante li l-bieb tieghu kien maghluq. Reggha hareg fil-gallarija u ra lil Pulizija u kien f'dan il-hin li semgha sparatura. Cempel l-Ghassa u sabhom okkupati. Mistoqsi jekk Charmel Pace kienx mugugh huwa wiegeb li kellu dmija f'zaqqu u semghu jghid xi kliem inpattihielu.

Illi nhar **l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 xehdet Charmaine Fenech [**fol 220 et seq] fejn qalet li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002 hija kienet sejra lura d-dar wara x-xoghol flimkien ma ommha meta ghall-habta tat-tmienja neqsin kwart cempel l-*mobile phone* u kien missierha b'lehen imbikkem li beda jghidilha li kien hemm Charmel Pace wara l-bieb u beda jghidilha biex iccempel lil Pulizija. Qatgha u wara zewg minuti reggha cempel u din d-darba qabdet t-telefon ommha. Huma marru l-Ghassa ta' Tas Sliema u l-Pulizija hemmhekk qalilhom biex jmorru l-Ghassa ta' San Giljan. Huma marru hemmhekk u talbu l-assistenza peress li kienu bezghana.

Illi nhar **l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2003 xehdet mart l-imputat, Maryanne Fenech [**fol 223 et seq] fejn ikkonfermat dak kollu li qalet bintha Charmaine. Ziedet tghid pero li meta eventwalment waslet d-dar u sabet lil Pulizija rat lil zewgha ccassat w imbikkem ghal ahhar.
Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Difensur tal-imputat beda bid-difiza tieghu billi eccepixxa l-linja difensjonali ta' legittima difesa.

Issa kif huwa ben saput il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrisulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta taghha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux min minn jadotta dik t-tip ta' difiza, izda min minn qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu attwali kif jispjiega **Antolisei:**

"*Occorre infine che l'aggressione abbia creato per il diritto presso di mira un pericolo attuale.*"

Fil-**Manuale di Diritto Penale Generale** pg. 261, insibu li:

"*Pericolo attuale e' il pericolo presente*"

Fil-fatt **l-artikolu 233 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

"*Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*"

Dan il-kliem huwa car hafna fih innifsu. L-artikolu 224 tal-istess kap jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.

Jigi rilevat li d-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew donnu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kondizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza lil hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak l-mument,

biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat t-test oggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza.

Fil-fatt kif jghid **l-Professur Mamo** fin-***Noti*** tieghu,

"*The danger against which the accused reacts should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact but rather as the accused saw it at the time.*"

Wiehed ghalhekk irid jpoggi lilu nnifsu fic-cirkostanzi kif hassu dak il-hin u mument cioe mbezzgha u l-hsieb tieghu li ser jigi aggredit; sitwazzjoni li kif tajjeb qalet id-Difiza, ma holoqhiex l-imputat izda holoqha l-istess Charmel Pace bl-attitudini w aggressivita tieghu matul l-incident kollu.

Fl-ahhar nett biex l-imputat ikun jista jigi gustifikat ghal kollox, fid-difesa legittima huwa m'ghandhux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe l-imputat. Rinfaccat b'perikolu serju u imminenti kif haseb hu f'dak il-mument, wiehed ma jistghax jippretendi li kellu jzomm l-kalma u fil-fatt l-ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgment*. Il-ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-ligi f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih jew minhabba biza' jew twerwir (*fear or fright*).

Din il-Qorti ser tissottolinea l-fatti w ic-cirkostanzi tal-kaz in dezamina.

L-imputat nhar s-sitta w ghoxrin ta' Gunju 2002, kien gewwa daru jiehu café fil-gallarija wara li kien ghadu kif gie f'konfront mal-vittma, cioe waqt li kien qed jitkellem ma habib, l-imputat mar fuqu bil-herra ghas-sodisfazzjoni ghaliex ma kienx ghenu bit-tank tal-ilma tieghu xi tlett gimghat qabel u fil-fatt tah daqqa ta' ponn fuq sidru.

Dan ma kienx bizzejjed ghaliex baqa isegwih, mar taht il-gallarija ta' daru u beda jistiednu ghal glied u joffendih. Illi fl-ahhar, l-imputat ceda u qallu '*jekk trid itla int*' u minnufih l-vittma tela jigri. L-imputat bezgha, ma kienx jaf kif kien ser jiddefendi lilu nnifsu u l-ewwel qabad il-borma mishun li kellu fuq in-nar tal-ghagin u tefghaha fl-indana lejn l-vittma ghaliex haseb li kien ser jwaqqaf l-aggressjoni lejh, izda wara ftit semgha lil vittma jhabbat bis-sieq u jghajjat mieghu. L-imputat bezgha u gab sellum u poggih mal-bieb bl-intendiment li jzomm lil aggressur barra izda wara certu hin li l-vittma baqa jhabbat u jaghti bis-sieq u l-bieb kien ser jinqala mic-caccis [vide ritratti esibiti], l-imputat cempel lil Pulizija u lil martu biex jitlob l-ghajnuna. It-tizbit ma waqafx, l-imputat mar fetah is-*safe*, gabar revolver u minn wara l-bieb spara tir u laqat lil vittma Charmel Pace w ikkagunalu feriti ta' natura gravi.

Ma hemmx dubbju, li dan, f'dawn il-mumenti kollha, l-imputat kien bezghan w imwerwer u effettwalu l-animu tieghu.

Illi l-imputat xehed fil-pedana tax-xhieda u din il-Qorti kellha l-opportunita li thoss il-polz tieghu w it-trawma li ghadda minnha l-imputat f'dawn il-mumenti.

Illi ma hemmx dubbju li din l-versjoni tal-fatti hija korroborata minn diversi xhieda u anke sa certu punt mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, inkluz l-istess vittma li ammetta li kien xorob tlett flixken birra qabel ma telgha ghal imputat li kien ifferocjat u mugugh ghaliex l-imputat ma kienx ghenu u li kien aggressiv tant li l-Pulizija

Ezekuttiva keccihom 'l barra mis-sala wara li aggredihom l-isptar u qalilhom biex ma jghafsux lil imputat.

Ma hemmx dubbju li d-difiza rnexxilha tipprova sal-grad ta' probabilita l-elementi ta' difiza u cioe l-gravita w inevitabilita tal-aggressjoni tal-imputat, u ghalhekk thoss li din d-difiza hija gustifikata u ghalhekk ma thossx li huwa lok li tidhol u tittratta d-difizi l-ohra sollevata mill-imputat.

Illi din il-Qorti tasal biex tghid li l-legittima difesa waslet ghal non imputabilita tal-imputat peress li l-elementi kollha li definittivament huma meqjusa necessarji cioe l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonali ghal minaccja jew ghall-aggressjoni.

**Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi parikolarment l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, 223,49, 50, 17 (b)(h), 31, 20, 22, 23, 383 u 533 tal-Kap 9, l-artikoli 3, 9, 19, 23, 26 u 27 tal-Kap 66, l-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kap 33 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi:-**

**1. Li <u>tilqa l-eccezzjoni</u> sollevata mid-difiza u <u>tiddikjara li l-imputat mhux hati talli kkaguna l-offiza volontarja</u> fuq imsemmija konsistenti f'ferita gravi ai termini tal-artikolu 216 stante dak dispost fl-artikolu 223 tal-kap 9.**

**2. <u>Tiddikjara l-imputat hati</u> talli kellu fil-<u>pusess</u> tieghu <u>arma tan-nar</u> meta din l-arma intuzat waqt il-legittima difesa tal-imputat u ghalhekk din il-Qorti <u>mhiex ser tinfliggi piena fuq din l-akkuza</u> skond l-artikolu 3(1A) tal-kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**3. Illi <u>dwar l-akkuza li spara arma tan-nar f'post abitat meta ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija</u>, il-Qorti rat l-artikolu 24(2) tal-Kap 33 tal-ligijiet ta’ Malta u tiddikjara li qed issibu hati taghha u wara li rat il-fedina penali tieghu esebita fl-atti, <u>tikkundannah multa ta’ mitejn lira maltin [LM200]</u>.**

**4. Dwar l-akkuza li huwa recidiv din ma tirrisultax u ghalhekk mhiex qed issibu hati taghha.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat jhallas l-ispejjes tal-esperti nominati fil-proceduri, stante li ma sabitux hati tal-akkuza konnessa man-nomina tal-esperti ballistici tichad tali talba.**

**Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-dokument MC esebit f'dawn l-atti ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------